IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 41**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 16 ta' Ġunju 2015 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 40**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G40 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 40*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 40** — *Punti li joħorġu mill-Minuti G 40*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.01 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ilment kien gie mgħoddi lil 'Transport Malta'. — Ilment dwar it-traffiku li qiegħed jgħaddi miż-żona ta' Għar Barka

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien inbeda x-xogħol tal-għoti tat-tarmak fi Triq Santa Rita. — Għoti tat-tarmak fi Santa Rita

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li minkejja li l-Kunsill ipprova iċċaqlaq l-*manholes* tal-armar tal-festa ta' San Pawl li jinsabu fi Triq Santa Rita, dan ma kienx possibli peress li hemm *cable* tal-kumpanija Go mat-tarf tal-bankina. — *Manholes* tal-armar tal-festa ta' San Pawl fi Triq Santa Rita

3.03 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi staqsa x'ser jiġri miż-żona li tħalliet miftuħa fi Triq Santa Rita. Is-Sindku wieġeb li peress li f'din iż-żona imsemmija instabu fdalijiet storiċi, il-Kunsill qed jistenna direzzjoni mis-Sovvrintendenza għall-Wirt Kulturali. — Żona li tħalliet miftuħa fi Triq Santa Rita.

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 247 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 247

**5.00 Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2014 u t-Tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-awditur għas-sena 2014. Hija qalet li minkejja li l-amministrazzjoni tal-Kunsill ma qablitx mal-punti kollha tal-*Management Letter* tinnota b'sodisfazzjon it-titjib konsiderevoli li reġa' kien hemm għal dik is-sena, dwar l-operat amministrattiv tal-Kunsill. Kopja tar-Rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2014 u t-Tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill it-tweġiba tal-Kunsill għar-rapport tal-awditur. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li it-tweġiba tiġi approvata hekk kif ippreżentata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tat-tweġiba tal-Kunsill tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**6.00 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Novembru 2014 u April 2015. Hija ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Nazju Cassar, l-Kunsillier Rudolf Grima u l-Kunsillier Andrew Mallia naqqsu milli jattendu l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsill Lokali. — Attendenza tal-Kunsillieri

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Cassar, tal-Kunsillier Grima u tal-Kunsillier

Mallia ma jkunx vakat.

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7.24 ta' filgħaxija

**7.00 Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat**

7.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li bħal kull sena Jum ir-Rabat ser jiġi ċċelebrat fit-2 ta' Settembru. Ġie deċiż li Jum ir-Rabat jiġi ċċelebrat f'Misraħ Santu Wistin fis-7.30 ta' filgħaxija.

Jum Ir-Rabat u Ġieħ Ir-Rabat

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar l-unur u r-rikonoxximenti mgħotija f'Jum ir-Rabat.

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li Ġieħ Ir-Rabat għandu jingħata lis-Sur Arthur Vassallo għall-ħidma volontarja tiegħu għar-restawr ta' niċċeċ fir-Rabat. Il-Kunsillier Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li jingħata rikonoxximent lil Familja Vella għat-tħaddin u l-ħidma tagħhom fis-sena tan-newl. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li jingħata rikonoxximent lir-*Rabat Ajax Football Nursery* f'għeluq l-40 sena mit-twaqqif tagħha. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ġie diskuss ukoll il-programm tal-attività u l-Kunsill wera x-xewqa li f'din is-serata jieħdu sehem l-aljevi taż-żewg soċjetajiet tal-baned u l-kantant Kieran Aguis.

**8.00 Ħruġ tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita**

8.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li l-ħinijiet tat-tindif tal-latrina jiġu emendati kif ġej, fl-10.00am, fit-3.00pm u fit-8.00pm.

Ħruġ tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq Santa Rita. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**9.00 Ħruġ tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun**

9.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li l-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrina jiġu emendati kif ġej, fix-xitwa mid-9.00am sas-7.00pm u fis-sajf mid-9.00am sad-9.00pm, filwaqt li l-ħinijiet tat-tindif tal-latrina jiġu emendati kif ġej, fix-xitwa fl-12.00pm, fil-4.00pm u fid-7.00pm u fis-sajf fl-12.00pm, fil-4.00pm u fid-9.00pm.

Ħruġ tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10.00 Ħruġ tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager***

10.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma issir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Ħruġ tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager*

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Perit u *Contract Manager*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-8.00 ta' filgħaxija

**11.00 Ħruġ tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching***

11.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma issir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Ħruġ tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching*

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' *patching*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**12.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13**

12.01 Is-Sindku ressaq l-kwotazzjoni RLC/Q/0080/13 għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fil-Baħrija u ppropona li din l-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13

**13.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-Knis Manwali tat-Toroq fil-Baħrija – Żona 5 – RLC/Q/0081/13**

13.01 Is-Sindku ressaq l-kwotazzjoni RLC/Q/0081/13 għall-knis manwali tat-toroq fil-Baħrija – Żone 5 u ppropona li din l-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-knis manwali tat-toroq fil-Baħrija – Żone 5 – RLC/Q/0081/13

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ (RLC/T/146/15)

Intefgħu sitt offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | Jeffrey Baldacchino | €4,400 |
| 2 | Maria Mangion | €4,350 |
| 3 | Cliff Borg | €4,000 |
| 4 | Owen Borg | €4,340 |
| 5 | Raymond Cutajar | €4,609 |
| 6 | Sandro Caruana | €4,880 |

Offerti numru 1, 2, 3, 5 u 6 gew skwalifikati peress li ma laħqux mal-kriterji mitluba fl-offerta. Il-Bord evalwa l-unika offerta validi li kien fadal u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Owen Borg.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 14 tal-aġenda.**

**14.00 Għażla tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq il-Kulleġġ – RLC/T/146/15**

14.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ, lill-offerent Owen Borg peress li din kienet l-unika offerta li laħqet il-kriterji kollha mitluba. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq il-Kulleġġ – RLC/T/146/15

**15.00 Korrispondenza**

15.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0640/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyres* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyres* ta' vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

15.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Jan Willem Van Avendonek, għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyres* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyres* ta' vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

| | | |
|---|---|---|
| **16.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B10** | |
| 16.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B10 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Baħrija B10 |
| **17.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B10** | |
| 17.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B10 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Virtù B10 |
| **18.00** | **Materji Oħra** | |
| 18.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-Kunsill jagħmel talba lil 'Transport Malta' sabiex il-Kunsill ikollu żewġ *reserved parking bays* flok waħda. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għall-*reserved parking bay* |
| 18.02 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li l-isprall ta' Triq Konti Ruġġieru kien għadu ma tnaddafx. | Tindif ta' sprall fi Triq Konti Ruġġieru |
| 18.03 | Il-Viċi Sindku Doris Coleiro qalet li kellha diversi talbiet mill-anzjani li jattendu id-*Day Center* sabiex dan iċ-ċentru jibqa miftuħ ukoll ix-xhur tas-sajf. Hija pproponiet li dawn it-talbiet jiġu milqugħa. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ftuħ tad-*Day Centre* fix-xhur tas-sajf |
| 18.04 | Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li trejqa li hemm fiż-żona ta' Zapita tingħata l-konkos peress li din it-trejqa tintuża spiss mill-bdiewa. Is-Sindku Charles Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Konkos fiż-żona ta' Zapita |
| 18.05 | Il-Kunsillier Stephen Borg saqsa dwar x'permessi ser jingħataw għal żmien l-Festa ta' San Pawl. Is-SE wiegbet li l-Kunsill huwa legalment obbligat li joħrog biss permess skond l-AL119 tal-2002. Hija fakkret ukoll dwar il-laqgħa li saret bejn il-Kunsill, il-Pulizija u l-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963, fejn ġew diskussi ukoll l-permessi li jinħargu mill-Kunsill sabiex jiġu evitati diversi problemi li nħolqu s-sena l-oħra waqt il-festa. | Permessi għal żmien l-Festa ta' San Pawl |
| 18.06 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talb li niktbu lil 'Transpor Malta' dwar *parking bay* li qieghed go *bus stop* ħdejn l-Għalqa ta' Kola. Huwa qal li qegħdin jingħataw diversi citazzjoni għalxejn propju minħabba żball li hemm fis-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qabel. | Ittra lil TM dwar sinjali tat-traffiku ħdejn l-Għalqa ta' Kola |
| 18.07 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talb li niktbu lil 'Transpor Malta' dwar gandott li tħalla mikxuf fiż-żona tad-Dwejra wara li t-triq ingħatat it-tarmak. Huwa saħaq li dan il-gandott huwa ta' periklu għas-sewwieq li jkunu għaddejjin mit-triq. Il-Kunsill qabel. | Ittra lil TM dwar gandott perikolużfiż-zona tad-Dwejra |
| 18.08 | Il-Kunsill ikkunsidra ilment dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fit-Triq tal-Lunzjata u | Ħajt imwaqqa fit- |

qabel li billi l-ħajt qiegħed iżomm it-triq hu fir-responsabilta' tiegħu li jerga jitella. Fuq proposta tas-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Ian Vassallo l-Kunsill unanimament qabel li jingabru l-kwotazzjonijiet meħtiega sabiex issir ix-xogħol. Triq tal-Lunzjata

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

19.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ...it-Tnejn........ ...13... ta'...Lulju...... 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**